**Programm ta' Kurrikulu Bażiku**

**L-iskop ta' dan il-programm**

Dan il-programm kurrikulari jindirizza l-problemi ta' dawk l-istudenti li għandhom diffikultajiet biex jitgħallmu. Huwa importanti għall-għalliem tal-Istorja li jagħmel l-aħjar li jista` biex jgħin studenti bħal dawn. Għalhekk l-esperjenzi ta' tagħlim għandhom jinkludu xogħol li jkun tal-livell tal-istudenti u li jiġġenera l-interess fihom. Dan ix-xogħol għandu jkun qasir, relevanti u varjat u jista' jsir fil-ħin limitat li jkollu l-għalliem. Huwa importanti li l-miri tiegħu jistgħu jintlaħqu mill-istudenti.

**L-importanza tal-assessjar formattiv**

Dan il-programm kurrikulari jixtieq jagħti l-importanza xierqa lill-assessjar formattiv. Permezz ta' dan it-tip ta' assessjar, l-assessjar isir parti integrali mill-proċess tat-tagħlim. L-assessjar għandu jgħin lill-istudenti jagħmlu progress fit-tagħlim tagħhom. L-assessjar formattiv jgħin lill-għalliema u l-istudenti jifhmu l-progress li jkun sar u jaraw fejn jistgħu jaħdmu iżjed. B'hekk l-istudenti janalizzaw b'mod kritiku l-qualita` tax-xogħol tagħhom u kif dan jista' jsir aħjar. Kien għal dan l-iskop li ġiet imfassla din l-iskema tal-assessjar.

**Struttura tal-Assessjar**

Dan il-kors ta' tlett snin għandu jwassal lill-istudenti biex jissodisfaw il-kriterji tal-ewwel Grad tal-Qafas tal-kwolifiki Ewropej. Hu maħsub li l-assessjar isir b'diversi modi. Fuq medda ta' tliet snin il-bilanċ għandu jkun ta 45% fuq l-assessjar kontinwu, 30% fuq assessjar b'mod orali u 25% fuq assessjar bil-kitba. Matul id-disa' u l-għaxar sena jsiru biss assessjar kontinwu u assessjar b'mod orali li jkollhom l-istess piż għal marka globali. Fl-aħħar sena jsiru biss assessjar kontinwu u assessjar bil-kitba fejn din tal-aħħar tingħata iżjed importanza. It-Tabella ta' hawn taħt tispjega b'mod viżwali l-istruttura għat-tlett snin.

| Sena | Assessjar Kontinwu (persentaġġ tat-tlett snin) | Assessjar b'mod orali (persentaġġ tat-tlett snin) | Assessjar bil-Kitba (persentaġġ tat-tlett snin) | Perċentaġġ totali għal kull sena |
|---|---|---|---|---|
| 9 | 15% | 15% | ----- | 30% |
| 10 | !5% | 15% | ----- | 30% |
| 11 | 15% | ----- | 25% | 40% |
| Total | 45% | 30% | 25% | 100% |

Hekk b'din is-sistema jkun hemm bilanċ bejn l-assessjar kontinwu u l-assessjar summattiv f'kull sena għalkemm l-aħħar sena tingħata ftit iżjed importanza u jkun hemm xi ftit iżjed marki allokati għall-assessjar bil-kitba.

**Id-Disa' Sena**

| **9.1 Il-belt Valletta** | |
|---|---|
| Preparamenti, bini, sbuħija u rwol matul iż-żmien | |
| *Miri ta' Taghlim* | *Punti Prinċipali* |
| L-istudenti għandhom | |
| jifhmu għala kien importanti li tinbena belt ġdida. | Raġunijiet għala nbniet il-Belt bħal:<br>• Il-ħerba kbira li ħalla l-Assedju l-Kbir fuq il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Port il-Kbir.<br>• Il-biża' ta' attakk mill-ġdid mit-Torok.<br>• Il-pożizzjoni strateġika tal-għolja Xiberras bħala peniżola fil-għoli li kienet tħares fuq il-portijiet il-kbar. |
| ikunu jafu dwar il-preparamenti li saru minn qabel biex tinbena din il-belt. | • Il-pjanta għal din il-belt (forma ta' grada bi triq iddur madwarha).<br>• L-għajnuna li ngħatat lill-Ordni.<br>• L-għażla tal-isem għal din il-belt.<br>• Il-ħaddiema li nġibu biex ix-xogħol isir malajr.<br>• Ma saret l-ebda parti riżervata għall-kavallieri biss *(Collachio).*<br>• Il-qtugħ tal-ġebel mill-Mandraġġ.<br>• L-Ordni tmur tgħix fil-belt il-ġdida fl-1571. |
| jifhmu kif il-periti Laparelli u Glormu Cassar għamlu ħafna xogħol. | • Laparelli fassal il-pjanta tal-belt Valletta.<br>• Glormu Cassar kompla ix-xogħol fuq il-belt Valletta u fassal ħafna mill-bini li hemm illum. |
| ikollhom tagħrif dwar xi bini importanti li hemm f'din il-belt li għadu jeżisti sal-lum. | • Il-palazz tal-Gran Mastru<br>• Il-bereġ tal-kavallieri<br>• Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann<br>• Is-Sagra Infermerija<br>• Kunventi u knejjes<br>• Bini teħor eż. it-Teatru u l-Librerija |
| jifhmu l-bidla u l-kontinwita' li rat din il-belt matul iż-żmien u b'hekk japprezzaw aħjar is-sbuħija u l-importanza tagħha. | • Il-bini tal-Kavallieri ġewwa l-belt Valletta u l-użu tiegħu illum eż. bereġ, Sagra Infermerija, il-palazz tal-Gran Mastru, eċċ.<br>• Il-bidla minn post residenzjali għal *ċentru amministrattiv* (Parlament, ministeri, departimenti u uffiċini), *kummerċjali* (ħwienet, swieq, pixkerija, ċentru tat-trasport għal tal-linja) u *kulturali* (teatru, mużewijiet). |

| 9.2 Bliet u l-irħula qodma ta' Malta u Għawdex | |
|---|---|
| L-ibliet u l-irħula qodma ta' Malta u Għawdex u l-karatteristiċi prinċipali tagħhom | |
| *Miri ta' Taghlim* | *Punti Prinċipali* |
| L-istudenti għandhom<br><br>jifhmu l-importanza storika tal-ibliet tal-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella fir-Rabat Għawdex | • Il-pożizzjoni strateġika tagħhom eż. Mdina u ċ-Ċittadella fiċ-ċentru tal-gżira mibnija fuq art għolja, il-Birgu fuq peninsula li tagħti fuq il-Port il-Kbir.<br>• L-importanza tad-difiża li offrew matul iż-żminijiet eż. attakki mill-furbani, l-Assedju l-Kbir.<br>• Ċentri residenzjiali u amministrattivi fl-antik eż. L-Universita, in-nobilta' tgħix hemmhekk, eċċ. |
| ikunu jafu dwar karatteristiċi komuni fl-irħula | • Il-qalba tar-raħal<br>• Toroq imserrpin.<br>• Niċeċ u statwi<br>• Is-Salib tad-Dejma.<br>• Kappelli żgħar<br>• L-Għajn tal-Ħasselin. |
| ikunu kapaċi jagħmlu tqabbil u kuntrast bejn l-ibliet u l-irħula qodma ta' pajjiżna. | • Il-qalba tar-raħal<br>• Imsieraħ, toroq dojoq u sqaqien (kontinwita')<br>• Niċeċ fil-kantunieri<br>• Djar ġodda fil-pereferija tar-raħal (tibdil)<br>• Problemi tal-lum eż. preservazzjoni, traffiku, ipparkjar, djar qodma, eċċ. |

| 9.3 Aspetti mill-Ħajja Maltija fi żmien il-Kavallieri | |
|---|---|
| Il-qagħda, ix-xogħol u l-istil ta' ħajja tal-Maltin | |
| *Miri ta' Tagħlim* | *Punti Prinċipali* |
| L-istudenti għandhom | |
| ikunu jafu dwar il-qagħda ġenerali tal-Maltin taħt l-Ordni ta' San Gwann | • Faqar ġenerali<br>• Taxxi għad-difiża tal-gżira.<br>• Is-sibi u l-jasar li kien iġib miegħu.<br>• Il-mara fis-soċjeta (ix-xogħol fid-dar u fl-egħlieqi, it-trobbija tat-tfal, il-ħasselin).<br>• L-Edukazzjoni għadha lura u ftit li xejn kien hemm tagħlim. |
| jifhmu x'tipi ta' xogħol u impiegi kellhom il-Maltin matul il-Ħakma tal-Ordni ta' San Gwann u kif ħafna minn dawn ix-xogħlijiet kienu marbuta mall-missjoni tagħhom fuq il-baħar. | • Xogħol li kellu x'jaqsam mall-vapuri. eż. sibi, qaddiefa u ġellieda fuq il-baħar, buonavoglie (qaddiefa voluntarja), kaptani, tobba, nies involuti fil-bini u t-tiswija ta' vapuri, il-qalfat.<br>• Xogħol ieħor. eż. biedja, sajd, xogħol fl-isptarijiet, bennejja, bejjiegħa tal-ilma, ħaddiema fi ħwienet żgħar tal-ħaxix u tax-xorb, eċċ. |
| jifhmu xi stil ta' ħajja kellhom il-Maltin u kif kienu jiddevertu | Il-ħajja Maltija msawwra madwar :<br>• il-Knisja<br>• it-tiġrijiet taż-żwiemel<br>• il-Karnival<br>• ix-xorb fil-ħwienet<br>• il-festi<br>• l-għana<br>• il-festa tat-tieġ<br>• l-Imnarja. |

**L-Għaxar Sena**

| **10.1 Il-ħajja soċjali Maltija taħt l-Ingliżi**<br>Aspetti mill-}ajja tal-Maltin matul is-sekli dsatax u g]oxrin | |
|---|---|
| *Miri ta' Taghlim* | *Punti Prinċipali* |
| L-istudenti għandhom | |
| jifhmu l-progress li sar fl-edukazzjoni matul iż-żmien. | • Il-ftuħ tal-iskejjel.<br>• Reformi mixtieqa mill-Ingliżi.u l-kwistjoni tal-lingwa.<br>• Skola sekondarja għal kulħadd. |
| jifhmu l-problemi assoċjati mad-djar. | • Nuqqas ta' djar fil-Belt u l-Furjana fis-seklu dsatax.<br>• Il-bini ġdid li beda jsir fil-bidu tas-seklu għoxrin fl-irħula differenti eż. Raħal Ġdid, Marsa.<br>• L-effett tal-gwerra u r-rikostruzzjoni.<br>• Il-bini ta' 'housing estates' f'diversi lokalitajiet. |
| ikollhom tagħrif dwar mezzi differenti tat-trasport li missirijietna kienu jużaw u jifhmu d-diffikultajiet li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom. | • Il-kaless<br>• L-omnibus<br>• It-trejn<br>• It-tram<br>• Il-laneċ<br>• Il-karozzi tal-linja.<br>• It-trasport bejn Malta u Għawdex. |
| ikollhom ideja ġenerali tal-qagħda ta' saħħet il-poplu. | • Il-mard infettiv li kien jiffaċċja l-poplu Malti eż. pesta, kolera, ġidri, deni rqiq<br>• Is-sehem ta' Sir Temi Zammit fil-marda tad-deni rqiq<br>• Il-problema tad-drenaġġ u n-nuqqas ta' sanita` fid-djar<br>• L-isptarijiet u l-kura<br>• Il-provista tal-ilma (l-Akwadott tal-Fawwara). |
| ikunu konxji tat-tibdiliet fl-istil tal-ħajja tal-poplu matul iż-żmien. | • Is-sempliċita' tal-ħajja qabel it-Tieni Gwerra.<br>• Il-ħajja fir-raħal.<br>• L-influwenza tas-servizzi Ingliżi.<br>• L-influwenza tal-media.<br>• L-effett tal-emigrazzjoni.<br>• L-effett tat-turiżmu. |

| 10.2 L-industrija u l-populazzjoni f'Malta | |
|---|---|
| Iż-żieda fil-populazzjoni, l-emigrazzjoni u l-industriji | |
| *Miri ta' tagħlim* | *Punti Prinċipali* |
| L-istudenti għandhom | |
| ikollhom tagħrif kif u għala il-popolazzjoni f'Malta żdiedet fl-aħħar mitejn sena u jifhmu d-diffikultajiet ewlenin li nqalgħu minħabba din iż-żieda kbira. | • Għala u kif il-popolazzjoni ta' Malta bdiet tiżdied b'mod mgħaġġel fis-seklu dsatax<br>• l-effett tal-mard fuq il-popolazzjoni eż. pesta, kolera u ġidri.<br>• Il-'boom' fit-twelid tat-trabi wara l-gwerra<br>• In-nuqqas ta' xogħol.<br>• Il-faqar li l-poplu Malti ħabbat wiċċu miegħu |
| jifhmu kif fil-passat l-emigrazzjoni kienet is-sistema biex issolvi l-problemi kbar li ġabet magħha ż-żieda fil-popolazzjoni. | • L-emigrazzjoni bħala rimedju għan-nuqqas ta' xogħol.<br>• L-emigrazzjoni fis-seklu dsatax lejn pajjiżi fil-qrib.<br>• L-emigrazzjoni fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin lejn l-Amerika, il-Gran Brittanja, il-Kanada u l-Awstralja.<br>• Iż-żieda kbira fl-emigrazzjoni wara t-Tieni Gwerra.<br>• L-effetti ta' l-emigrazzjoni fuq Malta eż. nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa, effett fuq il-familji, eċċ. |
| ikollhom tagħrif dwar u jifhmu l-importanza li kellhom l-industriji tal-agrikoltura, is-sajd u l-bini matul l-aħħar mitejn sena | • Il-problemi li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom il-Maltin f'dawn l-oqsma.<br>• L-irħula marbuta ma' dawn l-industriji.<br>• Snajja oħra marbuta ma' dawn l-industriji. |

<table>
<tr><th colspan="2">10.3 Malta u t-tieni gwerra dinjija</th></tr>
<tr><td colspan="2">Kif Malta ntlaqtet matul it-tieni gwerra dinjija</td></tr>
<tr><td>Miri ta’ tagħlim</td><td>Punti Prinċipali</td></tr>
<tr><td colspan="2">L-istudenti għandhom</td></tr>
<tr><td>ikunu jafu u jifhmu għala Malta sabet ruħha fl-eqqel ta’ din il-gwerrra.</td><td>• L-invazjoni minn Ħitler ta’ diversi nazzjonijiet eż. Awstrija, Ċekoslovakia u l-Polonja u l-ambizzjoni ta’ Mussolini.<br>• Malta bħala kolonja Ingliża.<br>• Il-pożizzjoni strateġika ta' Malta.<br>• L-effetti tal-fatt li Malta kienet qrib l-Italja.</td></tr>
<tr><td>jifhmu x'kienet il-qagħda ta' Malta matul din il-gwerra u jempatizzaw kif kienu jħossu ruħhom in-nies f'dak iż-żmien.</td><td>• Il-ħbit mill-ajru u l-ħsara fil-bini.<br>• L-użu tax-xelters.<br>• It-tbatija kbira u l-ġuħ u l-għaks li sofrew il-Maltin.<br>• Id-difiża ta' Malta matul din il-gwerra<br>• Il- wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija.<br>• Il-kuraġġ kbir tal-Maltin.<br>• L-għotja tal-George Cross bħala rikonoxximent tal-qlubija tal-Maltin.</td></tr>
<tr><td>jifhmu t-tibdil li sar fil-metalita' f'pajjiżna wara l-gwerra.</td><td>• Il-Maltin kienu tħalltu sew mal-barrani<br>• iddakkru mill-istil ta' ħajja tagħhom<br>• iddakkru mill-kultura tagħhom.</td></tr>
<tr><td>jifhmu x’kienu l-effetti ta’ din il-gwerra fuq l-Ewropa u d-dinja b’mod ġenerali..</td><td>• Ħafna mwiet u djar mwaqqa'.<br>• Pajjiżi b’ekonomija mkissra.<br>• Il-biża tal-Kommuniżmu fil-Punent.<br>• Il-bidu tal-Gwerra l-Bierda.<br>• Il-miġja tal-bombi nuċlejari.<br>• L-Amerika u l-Unjoni Sovjetika bħala superpotenzi.</td></tr>
</table>